KUNSILL LOKALI LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

KLR 17/VI/2010

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 1 ta' Novembru 2010 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiva Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

1. **Attivitajiet tal-Milied – *Christams Village, New Year's Eve in the City,* Kunċert tal-Milied.**

Is-Seg. Eżekuttiv għarfet lill-membri li nħarġu l-applikazzjonijiet għal minn jiextieq jieħu sehem billi jbiegħ mill-*huts* waqt il-*Christmas Village*. Inħarġu wkoll l-istejjem sabiex il-Kunsill jikri l-*huts* ta' l-injam għall-*Chritmas Village* u anke' biex jikri t-tinda l-kbira għall-attivita' ta' l-aħħar tas-sena.

Is-Sindku ser jikkuntatja lill-President tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella sabiex tiġi deċiża d-data ta' meta ser isir il-kunċert tal-Milied fi Pjazza Indipendenza. Dwar l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena qed isir il-korodinament ma Melanie Żammit li s-sena l-oħra ħadet ħsieb l-attivita mingħajr ħlas. Rigward l-i*sponsors*, intbgħatu l-ittri u s-Sindku ser jiltaqa' mad-diriġenti tal-General Soft Drinks u tal-Banif Bank. Il-kunċert tal-Chorus Urbanus ser isir fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar il-Ħamis 23 ta' Diċembru 2010.

**2. Offerta – Restawr tan-niċċeċ**

Tressqet is-*schedule of tenderes* (dokument A anness) ta' l-offertti għar-restawr tan-niċċeċ. Dawn infetħu fil-21 ta' Ottubru 2010 fil-presenza tas-Sindku, il-kunsillier Schembri, is-Seg. Eżekuttiv u l-iskrivan Joebert Galea. Id-dettalji ta' din l-offerta ntbgaħtu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jevalwhom u jsir ir-rapport biex il-Kunsill jiddeiċiedi minn għandu jgħamel dan ix-xogħol.

**3. *Grand Tour of Taste – Serata di Gola – Dopo Tearto con gli Chef***



**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat VCT 1020 Għawdex, Malta**
**Tel. No. +356 21563344 Fax No. +356 21563355 Free No. 80075555**
**E-mail :- rabat.gozo.lc@gov.mt Website:- www.victoria.org.mt**
**Dr Samuel Azzopardi – Sindku Marcell Tabone – Vici Sindku**
**Kunsilliera – Dr Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttigieg, Josef Schembri, Carmel Theuma**

Is-Sindku għarraf lill-membri li d-delegazzjoni minn Bologna intlaqet tajjeb ferm f'kull post li ħadhom u jixtieq jirringrazja lill-Kempinski San Lawrenz li offrew l-akkomodazzjoni tagħhom b'xejn, lill-Magro Bros. u Jubillee li aċċettaw li jibgaħtu l-prodotti tagħhom u lit-Teatru Astra li offrew il-biljetti għall-opra b'xejn. Is-Sindku tenna li minn naħħa tal-Ministeru għat-Turiżmu jidhru nteressati li jgħinu lill-Kunsill f'din l-attivita' li ser tippromwovi lill-Belt Għawdxija fil-kamp turistiku. Qal ukoll li ser jiltaqa' ma rappreżentanti tal-Malta Sprots Federation peress li f'din l-attivita' huma nvoluti wkoll karozzi tal-Porche li huma *sponsor* maġġuri ta' din l-attivita'.

**4. *Victoria Playing Field***

Is-Sinkdu għarraf lill-membri li waqt il-laqgħa tas-Sindki ressaq il-punt rigward il-Pjan Lokali għal Għawdex u Kemmuna. Hu talab li sakemm jiġi finalizżat dan il-pjan, l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex titranġa l-*playing field* tibqa' għaddejja u tiġi pubblikata mal-pjan lokali. Jekk dan ma jseħħx din ser tieħu ħafna fit-tul.

**5. Ġemellaġġ - Comacchio**

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Konslu ta' Malta ghall-Emila Romagna hu wieħed mid-delegazzjoni li ġiet rigward is-Serata di Gola. Hu jaf lis-Sindku ta' Comacchio u ser ikompli jmexxi l-loġistika rigward il-ġemellaġġ. Minn naħa tal-Comune ta' Nichelino infurmaw lis-Sindku li se jżuru lill-Għawdex aktar tard din is-sena.

**6. Wi Fi u Information Panels**

Is-Sindku ressaq proposta sabiex jitpoġġew *information panels* fiċ-ċentru tar-Rabat li barra minn l-istorja jkunu jindikaw ukoll diversi postijiet bħal ħwienet, banek, uffiċċini, servizzi, eċċ. Barra minn hekk għandhom jiżdiedu l-postijiet fejn jiġi provdut is-servizz tal-wifi.

**7. Performance Bonus**

Billi s-Seg. Eżekuttiv ser toħroġ bil-*maternity leave* fl-aħħar ta' Novembru, il-*perfomance bonus* tressaq waqt din il-laqgħa. Il-membri qablu li s-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivan Galea jieħdu l-massimu tal-*bonus* u l-*Assistant Principal* Camilleri tieħu l-massimu tal-*bonus* pro-rata sakemm ħarġet bil-*maternity leave* f'nofs Marzu li għadda.

**8. Korripondenza**

Is-Seg. Eżekuttiv ressqet din il-korripondenza mingħand:-

8.1 it-Transport Malta (TM) fejn inħarġu l-permessi għal-:-
8.1.1 sistema ta' *one way* fi Triq Alfons Maria Ħili u Triq l-Iskola;
8.1.2 *double yellow line* twil metru maġenb 7, Triq Dun Pawl Micallef;
8.1.3 *double yellow line* twil metru maġenb 'Josmar', Triq Dun Pawl Micallef;

8.1.4 *double yellow line* twil metru maġenb 4b fi Triq San Duminku;

8.1.5 tibdil tal-ħin tat-tabella ta' quddiem l-iskola Ninu Cremona li hi riservata għal istudenti b'diżabilita';

8.1.6 *keep clear* minħabba persuna b'diżabilita' quddiem 50 Triq Alfons Maria Ħili;

8.1.7 sistema ta' *one way* fi Triq Sir Luiġi Camilleri. Rigward din il-materja il-Kunsill irċieva petizzjoni mir-residenti ta' din it-triq fejn talbu li l-*one way* proposta issir il-kontra ta' kif inħareġ il-permess. Il-membri qablu li jekk il-*one way* tiġi l-kontra jkun hemm il-konfużjoni tat-traffiku fi Triq Repubblika. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jimxi fuq il-permess li nħareġ mit-TM;

8.1.8 sabiex minn salib it-toroq il-fuq fi Triq Repubblika ma jibqgħux jgħaddu vetturi tqal;

8.1.9 sabiex Triq Vajringa tinfetaħ kollha għall vetturi tqal;

8.1.10 sabiex il-ħinijiet ta' l-egħluq ta' Triq Vajringa qabel tinftaħ l-iskola primarja, jsir bjen it-08.10 u t-08.30;

8.1.11 fejn intbgħatet applikazzjoni għall-parkeġġ reiservat għall-persuni b'diżabilita' ta' quddiem Vincent Borġ ta' 'Pieta', 122, Triq Għajn Qatet;

8.2 Sunny Vella fejn għarraf lill-Kunsill li l-istima tax-xogħol sabiex isir *scarifying* quddiem 19, 20 u 21 fi Triq Pompei taqbeż il-€1165. Għaldaqstant il-membri qablu li jintalbu stejjem kif titlob il-liġi.

8.3 JS Productions fejn intalab permess sabiex jiġi organiżżat iċ-ċirklu fil-*Bus Terminus* bejn l-1 ta' Diċmebru u l-5 ta' Diċembru 2010. Dan il-permess intbagħat li-TM peress li l-*Bus Terminus* taqa' taħthom;

8.4 is-Sindku ta' Kerċem fejn talab il-koperazzjoni tal-Kunsill tar-Rabat sabiex iż-żewġ Kunsilli flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u Wirt Għawdex jieħdu ħsieb aktar il-Wied tal-Lunzjata. Il-membri qablu li dment li jinġabu fondi barranin il-Kunsill ikun dispost li jgħin fi proġett li jirijabilita' dan il-wied. Il-kunsillier Schembri propona li l-Kunsill jieħu ħsieb jirranġa mill-Wied tal-Ħamamiet sal-Wied tal-Lunzjata u dan ix-xogħol ikun amalgamat ma dak propost mis-Sindku ta' Kerċem. Il-membri qablu dejjem jack jinstabu fondi extra mill-allokazzjoni finanzjarja annwali.

8.5 Evelyn Bonniċi fejn tablet għajuna peress lit-tifla tagħha ser tipparteċipa bħala *backing vocal* fil-Junior Eurosong fil-Belarus. Billi din it-talba tmur kontra r-regoalmenti tal-Kunsill, ma tistax tiġi aċċettata;

8.6 Xavier Hancock li talab sabiex il-Kunsill ikun jista' joħroġ permess temporanju sabiex ikun jsita' jsir *climbing wall* li jieħu spazju ta' żewġ *parking bays*. Is-Sur Hancock għandu jgħati aktar dettalji ta' dan, fosthom jekk għandux il-permessi kollha meħtieġa, id-dati speċifiċi ta' meta jrid il-permess u fejn jixtieq li jarma dan l-apparat.

8.7 Domenic Formosa dwar proposti li jirrigwardjaw lill-Triq Palma.

**9. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

9.1 jintalbu stejjem sabiex it-toroq Wied is-Seqer u Sagħtar jingħatalhom il-*patching* skond il-pariri tal-Perit;

9.2 jiġi iffirmat il-kuntratt tal-Wasteserv rigrward il-*Bring in Sites*;

9.3 il-mutur Peugeot li kien xtara il-Kunsill fl-2000 biex jużaħ il-*contracts manager* ta' dak iż-żmien jinbiegħ. Dan dejjem jekk jinstab il-bejgħ tiegħu. In-*net book value* hu €295.24 u kien inxtara €2,274.54;

9.4 jinħarġu l-permessi għal dawn il-*one day events* ta':- (i) l-ETC biex jorganiżżaw Youth Day fi Pjazza San Ġorġ nhar id-29 ta' Ottubru 2010, u (iii) l-Għaqda tal-Ħbieb tal-Morda u l-Anzjani sabiex jorganiżżaw *car boot sale* fil-parkeġġ il-kbir nhar il-31 ta' Ottubru 2010 u nhar it-28 ta' Novembru 2010;

9.5 li ma jinħariġx il-peremss ta' *one day event* li talab Ta' Rapa Showroom biex jarma tinda fi Triq Enriko Mizzi. Il-permess ma nħariġx peress li din hi triq arterjali u hi dejqa;

9.9 jinħareġ il-permess għal John Spiteri sabiex jarma l-kiosk tiegħu fil-*weekends* u festi pubbliċi biss fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*;

9.10 il-Kunsill jipparteċipa fil-Patt tas-Sindki u fil-Proġett ENESCOM;

9.11 tinħareġ *expression of interest* sabiex jintalbu disinni ta' tabella għall-entratura tar-Rabat;

9.12 jintalab rapport dettaljat lill-Uffiċjal Inkarigat mill-Gwardjani Lokali rigward il-kont tax-xahar ta' Settembru 2010 speċjalment fejn jirrigwardja il-*Green Wardens* u l-Gwardjani li jkunu *educational*;

9.13 jinxtara trofew ta' €70 li jingħata lill-Miss Gozo li hi Gerogina Tabone mir-Rabat;

9.14 jintalab il-parir tad-Direttur għal Gvern Lokali rigward permessi li jinħarġu sbiex jintramaw krejns jew makkinarji f'passaġġi fl-egħlieqi;

9.15 jintalab il-permess tat-TM sabiex isir *single yellow line* twil metru maġenb il-garaxx ta' 'Antida & Joe House' fi Triq il- 31 ta' Marzu;

9.16 jintalab il-peremss tat-TM għall-*un/loadaing bay* quddiem Azzopardi Auto Centre fi Triq l-Ewropa;

9.16 il-Perit iħejji pjanta fejn turi il-*parking bays* fi Pjazza Indipendenza wara l-monument ta' Kristu Re. Wara jintalab il-peremss tat-TM sabiex jinżebgħu dawn il-parkeġġi.

9.17 jintalab id-Dipartiment ta' l-Agrikultura sabiex jinżabru l-palm tas-*central strips* tat-toroq it-Tabib Anton Tabone u Papa Ġwanni Pawlu II. Minn naħħa tal-Kunsill għandhom jinżabru s-siġar tal-palm li hemm f'taċ-Ċawla H. E. peress li dawn jaqgħu f'idejn il-Kunsill.

9.18 is-Sindku u l-kunsillier Schembri jiltaqgħu ma George Larry Żammit sabiex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet għal-offerta tal-*website;*

9.19 r-*road hump* li saret dan l-aħħar f'taċ-Ċawla H.E. titressaq ftit sabiex ma tibqax ta' inkonvenjent għar-residenti;

9.20 l-istudenti ta' l-iskola Sir M'Anġelo Refalo jipparteċipaw fil-European Youth Meeting li ser isir f'Bogna bejn l-24 u s-27 ta' Novembru 2010. Dwar l-attivita' 'Vista' li l-Kunsill qed jorganiżża ma din l-iksola il-membri qablu li l-Kunsill ma jaqbiżx il-€500 fi spejjes tal-loġistika għal din l-attivita' li se tkun tkopri diversi postijiet fir-Rabat;

9.21 jiġu ordnati *Touristic Signs* li huma skond il-*highway code* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Dawn għandhom jitpoġġew f'toroq strateġiċi bħal Triq Palma, fejn il-*Bus Terminus*, Pjazza Savina, Pjazza San Ġorġ u Triq Librerija li fost oħrajn ikunu jindikaw fejn huma ċ-Ċittadella, il-Bażilika ta' San Ġorġ, il-*Bus Terminus* u l-parkeġġ il-kbir.

Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-membri li:-

9.22 nħarġet l-offeta għal-ġbir ta' l-iskart orgnaiku;

9.23 ntbagħtet l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' l-inizjattivi sportivi 2011.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta,14 ta'Dicembru 2010.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv